Ikla fl-okkażjoni tal-festa tan-Nawfraġju ta' San Pawl – 25 ta' Frar

Il-25 ta' Jannar hija ġurnata għażiża għalina membri tas-Soċjetà Missjunarja ta' San Pawl għax fiha niċċelebraw il-festa tal-konverżjoni tal-Patrun tagħna.

Għalhekk qrib din id-data dejjem norganizzaw attività li biha nfakkru dan il-jum flimkien mal-lajċi qrib tagħna.

Din is-sena, dan sar permezz ta' Ewkaristija li ċċelebrajna ġewwa l-Oratorju, Birkirkara, nhar is-Sibt, 29 ta' Jannar. Ippresieda is-superjur reġjonali, Fr Louis Mallia, u fl-animazzjoni tagħha ħadu sehem representatti mill-komunitajiet differenti li fosthom naħdmu. B'mod partikulari spikka is-sehem tal-Kor Lajċi MSSP li għal dan l-aħħar żmien qed janima ċelebrazzjonijiet bħal dawn.

Hija wkoll tradizzjoni tagħna li qrib din il-festa aħna, membri MSSP, niltaqgħu għal ikla ġewwa l-Motherhouse li għaliha nistiednu xi whud mill-ħafna li jaħdmu magħna u qrib tagħna. Huwa mod kif naqsmu magħhom l-apprezzament tagħna. Din l-ikla saret fit-30 ta' Jannar.

Ir-Reunion tal-Old Boys

L-10 ta' Frar għalina l-membri tal-*Old Boys' Association*, tal-Kulleġġ Missjunarju ta' San Pawl li s-Soċjetà ta' San Pawl għandha fir-Rabat, hija l-ġurnata li fiha, minn żmien ilu, ssir il-laqgħa ġenerali tagħna. Din is-sena ma naqsitx li ssir wkoll.

Din l-okkazzjoni ssir għal ħafna raġunijiet. Fosthom biex aħna l-Old Boys, nerġgħu niltaqgħu mal-Fathers u l-għalliema li kienu jgħallmuna u ma' sħabna li kellna meta konna nattendu l-Kulleġġ. Barra dan, inkomplu insaħħu l-kuntat tagħna ma' dan il-post li minnu ħadna tant ġid.

Din il-laqgħa, li għaliha jattendu n-nisa u t-tfal tagħna, tibda' b'quddiesa, imbgħad nieħdu ritratt tal-okkażżjoni u wara kulħadd għas-sala biex nieħdu żewġ pastizzi tar-Rabat, li bihom aktar tkompli tikber in-nostalġija ta' tfulitna.

Old Boy

Ġurnata Studenti

- Trid tibqa' tagħmel il-ġid għal dejjem?
- Trid ikollok min jibqa' jitlob għalik?
- Trid ma tintesiex wara mewtek?

Dan jista' jseħħ billi tagħmel:

FUNDAZZJONI GĦAL ĦAMSA U GĦOXRIN SENA TA' ĠURNATA STUDENTI

Dan tagħmlu billi toffri €466 li bl-imgħax tagħhom inkunu nistgħu nżommu l-istudenti għal ġurnata. Dan jibqa' jsir kull sena, għal ħamsa u għoxrin sena, fil-ġurnata li tagħżel int.

- L-istudenti joffru l-quddiesa li jisimgħu, t-talb, u s-sagrifiċċji kollha ta' matul il-ġurnata, u dak kollu li jagħmlu, għalik jew għal min trid int.

Marzu 2011 / Għadd 456 | Editur: Fr Norbert Bonavia MSSP

IL-FESTA TAL-KONVERZJONI TA' SAN PAWL
Asif Town, Lahore - 23 ta' Jannar 2011

Il-festa tal-Konverżjoni ta' San Pawl taħbat fil-25 ta' Jannar. Mons De Piro ried li l-Kongregazzjoni tiegħu tkun taħt il-patroċinju ta' San Pawl fil-Konverżjoni tiegħu, ħalli tkun taħt il-protezzjoni u l-barka tal-akbar missjunarju tal-Knisja.

Billi l-25 ta' Jannar din is-sena kien it-Tlieta, bħala l-komunità MSSP hawnhekk ħassejna li jkun aħjar li nagħmluha jumejn qabel, jiġifieri l-Ħadd, biex hekk inkunu nistgħu nistiednu lill-insara tal-parroċċa tagħna jieħdu sehem magħna. B'dan il-mod xtaqna wkoll nieħdu l-opportunità biex lin-nies tagħna, bħal f'okkażjonijiet simili, ngħidulhom dwar l-MSSP u Mons De Piro, u għaliex aħna qed naħdmu pastoralment f'nofshom. Jerġa' l-parroċċa tagħna hi msemmija propju għal din il-festa: "Parroċċa tal-Konverżjoni ta' San Pawl".

Din is-sena nzerta wkoll li aħna bħala MSSP għalaqna 30 sena minn meta l-ewwel missjunarji tagħna waslu Lahore, propju fit-23 ta' Jannar, 1981! Hekk għaqqadna ż-żewġ okkażjonijiet flimkien.

Meta ngħidu 'Festa' hawnhekk, irridu ninsew il-murtali u l-qubbajd! Aħna ridna naqsmu man-nies tagħna l-ispirtu ta' missjoni li nissel fina Mons De Piro, hekk kif ispira ruħu hu mit-tweġiba li Sawl ta lil Ġesù fit-triq ta' Damasku: "Mulej, xi tridni nagħmel?" Hu b'dan l-ispirtu li aħna nilqgħu l-istedina tal-Mulej, li nkunu lesti mmorru l-missjoni meta jitolbuna s-Superjuri tagħna – anke f'postijiet bħall-

Pakistan fejn li tkun u li tgħix ta' nisrani tfisser ħafna diskriminazzjoni u tbatija bla bżonn għan-nies tagħna minħabba ħafna preġudizzji. Il-preżenza tagħna hawnhekk toffri tama lil dawn in-nies li l-Mulej biss jaf id-diffikultajiet li jħabbtu wiċċhom magħhom biex jibqgħu leali lejn il-Mulej Ġesù. Barra dan, il-biċċa l-kbira sew tal-insara huma fqar ħafna u bla skola.

ikompli f'paġna 2

NEWSPAPER POST Sant'Agata, Rabat, Malta, Tel: 2145 4503 / Stella Maris, Żebbuġ, Gozo, Tel: 2155 1159

Intervista

ma' Bro. Joe Pantaleresco

Meta l-Fundatur beda s-Soċjetà tagħna mill-ewwel ried li barra dawk li jsiru saċerdonti jkun hemm kategorija oħra ta' reliġjużi li sejħilhom "fratelli katekisti", Ilum insejħulhom "lay brothers".

Meta dan l-aħħar kont l-Awstralja kelli l-okkażżjoni li nintervista l-aktar 'brother' anżjan tas-Soċjetà, Bro. Joe Pantaleresco.



Bro. Joe Pantaleresco MSSP

Brother, għidli ftit fuq it-tfulija tiegħek.

Jiena twelidt tas-Sliema. Ommi kienet mill-Belt, u missieri minn tas-Sliema. Tgħammidt fil-parroċċa ta' Stella Maris. Il-praċett għamiltu fil-knisja tas-Selżjani fejn konna nitgħallmu d-dutrina. Bħat-tfal l-oħra, attendejt l-iskola primarja tal-Gvern. Biss, fl-1942, il-familja kollha, minħabba l-gwerra, morna Għawdex. Hawn missieri kellu ħanut żgħir u biċċa għalqa, u jien kont ngħinu, għax ħuti nqabdu bil-lieva.

Naħseb ikun interessanti li tgħid ftit ukoll kif dħalt mas-Soċjetà.

Niftakar li kont fil-parroċċa ta' Għajnsielem, fejn konna noqgħodu, u rajt żewġt itfal liebsin bil-'blazer' u kellhom faxx isfar mat-tarf tal-ġlekk. Staqsejt min huma u qaluli li dawk qed jistudjaw għal qassisin. Wara sirt naf li kienu l-asperanti tas-Soċjetà. Mort għidt lil missieri li nixtieq insir bħalhom. Missieri mar ikellem lil Dun Ġwann Xuereb, li kien jieħu ħsieb l-asperanti. Biss qabel nidħol kelli bżonn nitgħallem it-Taljan. Għawdex kien jiġi Dun Salv Laspina u missieri bagħatni għandu għall-privat. Meta raw li kont qbadt xi ftit mhux ħażin, dħalt asperant, fejn wara li għamilt l-eżami għal 'form one' dħalt il-Kulleġġ San Alwiġi. Wara li spiċċajt l-istudju, għamilt in-novizzjat u l-ewwel xogħol tiegħi kien l-Istitut ta' San Ġużepp.

Brother, il-ministeru tiegħek kien kemm Malta u kemm fil-missjoni. Qed ngħid sew?

Iva. Fl-1950, ġejt mibgħut l-Awstralja fuq il-vapur 'Ocean Triumph', vapur żgħir. Konna fuqu fuq elf ruħ, kulħadd fuq xulxin. Għall-ewwel sentejn kont noqgħod ma' u ngħin lis-Sależjani ta' Melbourne, sakemm xtrajna dar f'Carton. Biss fl-1955 xtrajna dar akbar fejn allura, kellna aktar spazju biex iż-żgħażagħ u l-irġiel Maltin jiġu jqattgħu ftit ħin filgħaxija. Ħdimt ukoll f'Western Australia u fi New south Wales. Ix-xogħol tiegħi kien ikun ta' 'maintenance', xiri u li jinqala'.

L-editur

ikompli minn paġna 1

U din hi r-raġuni li aħna, f'nofs il-faqar ta' Asif Town, għandna skola fejn it-tfal ma jħallsux flus għat-tagħlim li jirċievu. L-edukazzjoni tista' tifthilhom triq aħjar għall-futur tagħhom.

Aħna l-MSSP, f'dan il-jum partikolari tat-23 ta' Jannar, 2011, dan li ridna niċċelebraw u li għalih għamilna 'festa'. Fuq l-ispirtu ta' Mons De Piro, xtaqna nkomplu nsaħħu t-tama tan-nies tagħna fil-mixja diffiċli tal-fidi tagħhom – diffiċli għax id-diskriminazzjoni kontra l-insara hi realtà, anke jekk forsi 'moħbija'. Minkejja kollox, huma leali ħafna lejn "*Yesu Masih*", kif isejħu bil-lingwa tagħhom, l-Urdu, lill-Mulej Ġesù.

Fr. Gerard Bonello mssp

Ordnijiet u l-Kongregazzjonijiet Religjużi u MSSP No.3

Il-Patrijiet Ġiżwiti

Meta l-Fundatur beda s-Soċjetà tagħna, waqqaf ukoll dak li kien jissejjaħ Edukandat Santa Marija.

Jiġifieri dawk li juri x-xewqa li l-quddiem jagħmlu parti mis-Soċetà tagħna, kienu jidħlu boarders. Ħafna drabi dawn kienu jkunu għadhom ma spiċċawx l-iskola sekondarja.

Għal dan, ukoll ħasbitlu l-Providenza. Għax il-patrijiet Ġeżwiti sa mill-bidunett aċċettataw li jgħallmu lil dawn l-asperanti, fil-Kulleġġ San Alwiġi, Birkirkara. Dan il-ġest tassew sabiħ baqa' sejjer sas-1964 sa meta s-Soċjetà tagħna bdiet il-Kulleġġ Missjunarju ta' San Pawl fir-Rabat.

Imma l-patrijiet Ġeżwiti mhux f'dak li hu tagħlim biss kienu qrib is-Soċjetà tagħna, imma wkoll b'mod aktar dirett fit-tmexxija tagħha.

Wara l-mewt ħesrem tal-Fundatur, Mons. Pawl Galea, Vigarju Ġenerali, fl-assenza tal-Arċisqof minn Malta, talab lil Mons Nerik Bonnici biex jieħu f'idejħ ix-xogħol kollu li kellu Mons. De Piro u s-Soċjetà ta' San Pawl. Mons. Bonnici ħejja relazzjoni dettaljata tal-opri kollha u ppreżenta lill-Arċisqof. Imbgħad f'1 ta' Frar, 1934, l-Arċisqof Caruana għażel lil Mons. Albert Pantaleresco biex imexxi s-Soċjetà tagħna. Hu taħ it-titlu ta' Superjur Delegat. Dan il-Monsinjur baqa' jmexxi lil Soċjetà sal-1940 għax kien gie internat. Għal darba oħra Mons.N. Bonnici, ġie magħżul biex immexxi s-Soċjetà hu tagħna proviżorjament. Infatti, fl-14 ta' Novembru 1940, l-Arċisqof Mauru Caruana għażel lill-Ġeżwita Parti Daniel Glavina, bħala Superjur Delegat. Dan kien pass 'il quddiem għall-aħjar għas-Soċjetà tagħna. Għaliex dan, bħala reliġjuż Ġeżwita, seta' jifhem bil-bosta aħjar lill-membri. Barra dan, it-tmien snin li Parti Glavina għamel bħala Superjur Delegat, kien wieħed pożittiv ħafna għas-Soċjetà. Għax f'dak iż-żmien hu ħarreġ lill-ewwel membri fid-dixxiplina

u l-ispiritwalità li hu nnifsu kien imtella' fihom bħala Ġeżwita. Imma fost l-affarijiet sbieħ li għamel Patri Glavina kien li għen lill-membri ħalli ma jgħaddix wisq żmien, kif fil-fatt sar fl-1948, li huma stess jkunu jistgħu jieħdu f'idejhom it-tmexxija tas-Soċjetà.

Jisokta darba oħra.

**Dan it-tagħrif ġie meħud mill-ktieb ta' Fr. Alex. Bonnici o.f.m.cov. "Mons. G. De Piro" vol 1/11*

Fr. Daniel Glavina S.J.